# IL-KASTELL SANT'ANĠLU.

## IT-TEMPJU U L-KASTELL.

L-istorja tal-Kastell Sant'Anġlu, hija mgħaqqda ħaġa waħda ma' l-istorja ta' Malta bħalma r-ruħ hi magħquda mal-ġisem. Ir-ruħ ta' Malta hu Sant'Anġlu. Ma hemmx għalhekk ġrajja ta' ħtieġa, illi Sant'Anġlu ma kellux is-sehem tiegħu, u x'sehem !

Malli l-barranin jersqu u jidħlu fil-Port il-Kbir, u jilfgħu l-ħarsa mibluha tagħhom, fuq dan is-Sur tal-għaġeb li bħalu, aktarx ma hemmx fid-dinja kif id-dur, l-ewwel mistoqsija li weħida tinbet fil-fomm tagħhom, hi aktarx din : Meta ġie mibni, u minn min? Għal din il-mistoqsija, sejjer inwieġeb.

It-twaqqif ta' dan il-Kastell, jeħodna l-ura saż-żminijiet l-iżjed qodma; jiġifieri saż-żminijiet tat-Tiri u tal-Feniċi, li dawn, sa kemm nafu, kienu l-ewlenin ġnus, li għammru f'din il-Gżira, xi 1,400 sena, qabel ma deher fid-dinja l-Feddej Alla.

Dawn in-nies, hekk kif waslu hawn, bnew fuq il-*promontorju*, li jsaltan fuq il-port ll-Kbir, Tempju iddedikat lil alla, jew lil mart alla falz, imsemmija : Melitta, imsejħa wkoll : Astart jew Astaroth; illi l-Griegi u r-Rumani, marru nbagħad igħidulha Venere, u kienu lilha jqimu, issa bħala alla ta' l-imħabba, issa tal-kummerċ u issa tan navigazzjoni.

Minn dak li ġa għedna, naħseb (kontra dawk kollha illi ikkupjaw il-kliem ta' storiku *wieħed* u għalhekk anki mitt storiku ma jistħoqqilhomx iżjed minn awtorità waħda) li Malta ħadet isimha mhux mill-kelma *Malet*, li bil-grieg ifisser għasel (għax kabel ma l-Griegi ħadu Malta, fis-sena 700 qabel Kristu, Malta kien ġa jisimha Melitta) iżda dan l-isem wirtitu mit-Tempju magħruf mill-baħrin ta' dak iż-żmien, u dak l-isem bil-mod il-mod ġie mogħti, lid-dwar tat-Tempju sa kemm fl-aħħar wirtitu l-Gżira kif iddur.

Fis-sena 700 Q.K., kif ġâ għedna, il-Griegi għalbu 'l-Feniċi u ħadulhom ukoll dil-Gżira; iżda jgħidu, li x-xtut ħallewhom lin-nies tagħna, u huma bnew u għammru l-qalba tal-Gżira, li l-lum insejħulha l-Imdina. Dawruha bis-swar, u bnew ukoll knejjes lill-allat : Appolline u Proserpina.

Is-setgħa tal-Kartaġiniżi, xterdet mal-Mediterran u dawn wara li għakksu 'l-Griegi u 'r-Rumani, fiş-sena 480 Q.K. ħakmu l-Gżejjer tagħna ; u billi bejn il-Maltin u l-Kartaġiniżi kien hemm

xebh sew fir-razza kemm ukoll fil-lsien u fit-twemmin, qablu wisq fl-imkien, u wieħed għandu jobsor, illi t-Tempju ta' Melitta, kien iżjed magħruf, u msemmi; u għalhekk, l-isem tal-GŻIRA TA' MELITTA saret ħaġa jew titlu mogħti minn kull maħluq.

Iżda l-*Gwerra Punika,* u l-aħħar rebħa tar-Rumani, kontra l-Kartaġiniżi, fis-sena 215 Q K., ġagħlet li din il-Gżira, kontra r-rieda tagħha, tingħaqad mar-Rumani; u t-Tempju, allura ta' Melitta, biddel il-kerrejja, u ġie mlaqqam Tempju ta' Ġunone, u minn dak inhar il-Port, ġie magħruf taħt l-isem tal-Marsa ta' Ġunone.

Tolomew l-Astronomu, u Ċiċerun, il-Kbir Oratur, jistqarru li dan it-Tempju, kien mill-aqwa tad-dinja, mhux anqas minn dak ta' Djana ta' Efesu.

Antonio Quintino storiku ta' l-Ordni ta' Malta u awditur tal-Gran Mastru Lisle-Adam (1530), igħid illi ra b'għajnejh, xi fdal ta' dan it-Tempju, li kienu tassew sbieħ. Fil-Mużew tal-Belt, hemm fdal, medaljuni tar-rħam u bċejjeċ ta' dan it-Tempju.

Min ma jafx illi malli f'xi post jitwaqqaf Tempju bl-ikbar ħeffa jibdew jitwaqqfu ħafna djar ma' dwaru? u mhux biss djar għall-Qassisin u għar-rhieb, iżda wkoll biex jilqgħu fihom il-barranin, għax f'qasir żmien, il-post tat-Tempju isir blejta jew, kif isejħulha, *cittadella.* Dan għandna naħsbu illi sar hawn Malta, u l-ħlejjaq ta' barranin kienu bla qjies miġbuda bil-fama ta' dan it-Tempju. F'dawk iż-żminijiet ukoll, bħal ma tgħarrafna l-iskrittura u l-ġrajja ta' ġrius oħra, ma' ġenb it-Tempju aktarx kienu jwaqqfu torrijiet jew kastelli.

Wara t-trijonf ta' Kostantinu, Malta għalkemm taħt ir-Rumani, ma kinitx iżjed taħt il-ħakma ta'-Imperji ta' l-Oċċident, iżda ta' l-Orjent, u aktarx fis-sena 828 W.K. għan-naħħa tax-xatt, fil-ponta tal-lsien li jâti għall-baħar, ġie mibni mill-maltin,—allura insara sa mis-sena 58 wara Kristu, u minn Kustantinu mogħtija lilhom il-libertà tat-Twemmin Nisrani—Torri, jew Kastell imdaqqas, għal biex iħares u jilqa' l-assalti tal-furbani, li, bħala ġrati, kienu mlew u niġġsu kollu kemm hu l-Mediterran.

Fis-sena 870, skond il-kronika Għarbija Kartaġiniża, Malta waqgħet taħt difrejn is-Saraċini; u dal-Kastell kien minnhom imkabbar u mgħammar bil-kanuni. 220 sena damu hawn is-Saraċini, u għandna naħsbu li t-Tempju, jew kien inbidel f'Moskëa jew aktarx ħallewh jiġġarraf.

(jissokta.)

**Kan. G. M. Farrugia.**